# Il-Wirt u l-Valur Sentimentali

*Il-Perit Ruben Abela*

Catherine u Alex huma aħwa. It-tnejn baqgħu joqogħdu ż-Żejtun wara li żżewġu u t-tnejn għandhom il-familja tagħhom. Missierhom kien jaħdem it-tarzna u ommhom għalkemm xogħolha dejjem id-dar, biex tara li l-familja ma jkun jonqosha xejn, meta ssib ftit ħin kienet tħit xi ħwejjeġ għan-nies. Li jaqilgħu kienu jikluh u ftit li xejn setgħu jagħmlu xi kapriċċi, iżda meta l-omm u l-missier applikaw biex jieħdu plot tal-*Home Ownership Scheme* kienu kkwalifikaw u għalhekk il-ftit li faddlu nefquhom biex bnew dar ġdida u ħarġu lill-familja mill-kerrejja li kienu joqogħdu fiha.

Catherine u Alex ilhom ma jkellmu lil xulxin għaxar snin, eżatt minn ġimgħa wara l-funeral ta' missierhom. Ommhom kienet telqet għand il-Mulej sena qabel. Id-dar li kienu trabbew fiha tinsab battala, bil-ħġieġ imkisser, bibien żgassati u soqfa jqattru. X'ġara?

Wara li mietet ommhom, Alex kien imur spiss iżur lil missieru. Dan kien ried jibqa' jgħix waħdu f'daru minkejja li Alex kemm-il darba talbu biex jiġbru f'daru ma' familtu u b'hekk ikun jista' jieħu ħsiebu aħjar. Catherine, li kienet aktar miġbuda lejn ommha, wara l-mewt tagħha ħalfet li ma tmurx aktar id-dar għaliex kienet tagħmel f'qalbha wisq. Iżda kuljum kienet iċċempel lil missierha biex tara jonqsux xi ħaġa, u mhux l-ewwel darba bagħtet lit-tifla biex taqdih. Spiss kienet titlob lil missierha biex imur joqgħod magħhom u ma jibqax waħdu d-dar.

Ċensu, minkejja d-diqa u s-solitudni li kien iħoss wara li naqset martu, dejjem irrifjuta li jmur joqgħod ma' xi ħadd minn uliedu għaliex ħass li jekk imur ma' wieħed u mhux mal-oħra, jidħol f'obbligi lejn wieħed aktar mill-oħra. Il-ħalfa li għamlu hu u martu kienet li lil uliedhom iqisuhom it-tnejn daqs xulxin u bla ebda preferenzi, għalhekk meta ġew biex jagħmlu t-testment kitbu li dak kollu li jħallu warajhom jinqasam eżatt min-nofs bejn uliedhom.

Alex ma ħasibhiex l-istess. Kien ippretenda li għaliex hu kien il-kbir u kien imur iżur lil missieru f'daru u oħtu qatt ma resqet 'l hemm, kellu drittijiet aktar minn oħtu. Għalhekk meta n-nutar beda jaqra t-testment, stenna li bi dritt missieru kellu jħalli d-dar bħala sehem sħiħ għalih. Ma riedx jaf, minkejja li oħtu ppruvat kemm-il darba biex tara x'tista' tirranġa. Ġew diversi sensara għandu u għand oħtu biex jixtru d-dar, iżda biex jisfida lanqas ibigħ is-sehem tiegħu ma ried. Kien il-wirt u l-pretenzjonijiet ħżiena li daħħlu 'l-familja ta' Alex u 'l-familja ta' Catherine f'baħar inkwiet.



Int li qed taqra. Naħseb li bħali smajt diversi verżjonijiet ta' din l-istorja bi wħud minnhom jispiċċaw saħansitra f'fatalità. Kollu minħabba l-wirt!

Kont qed insuq bir-radju mixgħul. Kif spiċċat id-diska d-DJ beda jaqra avviż li qal li kien għadu kemm daħallu bl-*email* fl-istudjow. "Intilfet ġiżirana tad-deheb u li magħha kellha domna tal-Madonna tal-Karmnu. Din intilfet dalgħodu xi mkien bejn il-knisja ta' San Lawrenz u Triq il-Mina l-Kbira, il-Birgu. Min isibha huwa mitlub jirritornaha għand l-Arċipriet tal-Birgu. Din il-ġiżirana għandha valur sentimentali għal min tilifha. Jingħata rigal xieraq".

Ftakart li meta kelli xi tmintax-il sena, jien ukoll kont tlift ġiżirana tad-deheb b'domna tal-Madonna tal-Karmnu, u din ukoll għalija kellha valur sentimentali kbir. Kont ħriġt fil-kampanja ma' grupp ta' ħbieb u din l-imbierka ġiżirana kienet inqatgħatli u waqgħatli fil-ħaxix. L-għalqa li konna fiha kont ħsadtha b'idejja mill-ħaxix li kien fiha. Tgħidx kemm domt infittixha iżda kien kollu ta' xejn. Għadni sal-lum jiddispjaċini li tliftha.

Naħseb li int ukoll għandek dik ix-xi ħaġa għal qalbek li tgħożż u allaħares tonqoslok jew tinkisirlek.

Il-wirt u l-valur sentimentali. Żewġ ħwejjeġ distinti li t-tnejn inisslu tqanqil differenti ġo kull bniedem meta personalment imiss ma' wieħed jew l-ieħor.

Xandru kien bennej ta' sengħa kbira. Mikiel kien arkitett mustaċċun. It-tnejn miż-Żejtun. Xandru għereq ġbinu biex tella' xi djar fiċ-ċentru taż-Żejtun waqt li fl-istess żmien kien qed jaħdem fuq l-opra ta' ħajtu – il-bini tal-knisja



l-kbira. Mikiel, wara li għadda l-imblokk tal-Franċiżi u dawn kellhom iċedu għall-qawwa Ingliża, kien jinġieb sew mill-ħakkiema ġodda ta' pajjiżna tant li qabbduh jaħdem fuq diversi xogħlijiet. Kien hu li fassal il-ġonna tal-Kmand li nsibu mifruxin f'diversi rħula u bliet madwar Malta, għamel xogħol fuq il-fosos tal-Furjana u bena l-portiku tal-Knisja tal-Providenza fis-Siġġiewi. Għad irridu niskopru kemm mid-djar li nsibu fiċ-ċentru taż-Żejtun ġew imfassla minnu. Kemm Xandru u kemm Mikiel ħallew wirt kbir lil uliedhom li iżda ma qagħdux iqabbdu nutara biex jiktbuh f'testment. Wirt li kieku ma kienx għall-għaraq ta' ġbinhom, ħadd minn uliedhom, ulied uliedhom u dawk kollha li ġew warajhom u għad iridu jiġu, ma kien igawdi. Wirt li b'xorti tajba kontra dak li ġralhom Alex u Catherine, ma nissilx ġlied u inkwiet bejn min wirtu. Wirt li iżda lanqas biss inissel tqanqil dwaru fost min wirtu. Meta l-gafef u l-inġenji tal-kuntrattur bdew ikissru waħda mid-djar li bena Mikiel, ħadd minn uliedu ma ħass xi swied il-qalb bħal ma ħassejt jien meta tlift dik il-ġiżirana.

Waqt li qed naraw l-akbar biċċa xogħol ta' Xandru titmermer bis-sigħat quddiem għajnejna ftit kienu dawk li taw kas tal-avviżi li saru biex tiġi salvata din il-biċċa xogħol, l-istess bħalma ġara fost is-semmiegħa tar-radju meta d-DJ qara dak l-avviż dwar il-ġiżirana u l-valur sentimentali tagħha.

Missirijietna ħallewlna wirt kbir fostna. Mhux biss bini u arkitettura. Għandna wirt artistiku li jżejjen il-knejjes fil-parroċċa tagħna. Għandna wirt arkeoloġiku li jgħinna nifhmu aħjar minn fejn telqu missirijietna. Għandna d-djalett li ftit minna għadhom jitkellmu bih. Il-mużika sabiħa li nisimgħu fil-ġranet tal-festa. L-għana li grazzi għall-għannejja Żwieten li kienu jgħożżuh, tawna t-titlu ta' Belt l-Għannejja. L-istatwi, il-vari, l-artiġjanat, id-delizzji – dawn kollha writniehom mingħand missirijietna. Għal bosta dawn ma jħossux li għandhom xi valur, wisq anqas valur sentimentali. Sfortunatament ftit minna jħossu l-importanza li napprezzaw, nipproteġu u nippromwovu dan il-wirt. Dawn il-ftit daħlu membri u jipparteċipaw b'mod attiv f'għaqda li twaqqfet bil-ħsieb li tqanqal sentimenti pożittivi lejn dan il-wirt. Din l-għaqda hija Wirt iż-Żejtun.



*Artiġġjanat*



*Wirt arkeoloġiku*

